



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0396 (COD)

15200/23
ADD 1

TRANS 488
CODEC 2083
IA 294

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 702 final ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija u r-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tal-kostijiet esterni u l-ġenerazzjoni ta' <i>data aggregata</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 702 final ANNEX.

Meħmuż: COM(2023) 702 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.11.2023
COM(2023) 702 final

ANNEX

ANNESS

tal-Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija u r-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tal-kostijiet esterni u l-ġenerazzjoni ta' *data aggregata*

{SEC(2023) 373 final} - {SWD(2023) 351 final} - {SWD(2023) 352 final}

ANNESS

Lista indikattiva tal-miżuri ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 3a

Parti I: Miżuri ta' appoġġ biex jitnaqqas id-distakk fil-kompetittività tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat meta mqabbla mal-operazzjonijiet unimodali tat-trasport bit-triq

Il-miżuri biex tittejjeb il-kompetittività tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat li jikkontribwixxu għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3a(2), il-punt (a), jistgħu jiġu implimentati permezz ta' aġġustamenti u inċentivi regolatorji u mhux regolatorji fl-istrumenti amministrattivi u ekonomiċi nazzjonali li jħallu impatt fuq il-kompetittività tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. Dawn l-aġġustamenti u l-inċentivi jrid ikollhom l-għan li jagħmlu t-trasport ikkombinat aktar attraenti għall-impriżi li jiddeċiedu dwar il-modi magħżula, jiġifieri l-ispedituri jew l-impriżi li jorganizzaw l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat.

L-aġġustamenti u l-inċentivi jistgħu jinkludu miżuri li għandhom impatt fuq:

- (a) l-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat u partijiet minnhom, inkluż l-attribuzzjoni tal-infrastruttura u l-kapaċità tat-terminals u l-prijorità għat-trasport intermodali; il-ġestjoni mtejbja tat-tfixkil matul ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-infrastruttura, inkluża l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar dawk il-kwistjonijiet; is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi nazzjonali u lokali, inklużi dawk applikabbli fil-fażi tat-tnejn ta' operazzjoni kif ukoll matul l-operazzjoni;
- (b) il-kostkompetittività tal-operazzjoni intermodali, inklużi l-pedaġġi stradali u imposti, taxxi jew tariffi oħra fir-rigward tal-użu tat-trasport u l-infrastruttura intermodali, u l-imposti fuq il-konġestjoni;
- (c) it-tariffi għall-ispejjeż esterni, iddefiniti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għall-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi, iddefiniti fl-Artikolu 3(11) u (12) tar-Regolament 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² fit-trasport intermodali,
- (d) miżuri li jiffaċilitaw id-dħul fis-suq intermodali għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, bħall-faċilitazzjoni tal-kera jew il-lokazzjoni ta' unitajiet ta' tagħbija intermodali, inkluż permezz ta' garanziji; il-faċilitazzjoni tal-użu ta' pjattaformi ta' ppjanar intermodali jew pjattaformi ta' konsolidazzjoni tal-merkanzija, inkluż permezz ta' kampanji ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni;
- (e) il-kundizzjonijiet tal-ippjanar u tal-kiri tal-art adattata għall-iżvilupp ta' terminal tat-trażbord intermodali.

¹ Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1999/62/oj>).

² Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).

Parti II: Miżuri ta' appoġġ biex jiżdied l-aġġornament jew l-adozzjoni ta' teknoloġiji li jtejbu l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tat-trasport intermodali

Il-miżuri li jappoġġaw l-aġġornament jew l-adozzjoni ta' teknoloġiji li jtejbu l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tat-trasport intermodali stabbiliti fl-Artikolu 3a(2), il-punt (b), jistgħu jiġu implimentati pereżempju permezz ta' faċilitazzjoni jew appoġġ għal dawn li ġejjin:

- (a) l-identifikazzjoni tas-semitrejlers użati fit-trasport ikkombinat f'konformità mar-reġim ta' identifikazzjoni stabbilit skont l-istandards internazzjonali ISO6346 jew EN13044;
- (b) it-tisħiħ tas-semitrejlers li ma jistgħux jintrefgħu minn krejn biex ikunu jistgħu jintrefgħu minn krejn jew għajnuna biex jiġu akkwistati semitrejlers li jistgħu jintrefgħu minn krejn;
- (c) it-tneħħija tat-tariffi tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u tat-taxxi fuq il-vetturi ta' semitrejlers ta' daqs standard li jistgħu jintrefgħu minn krejn;
- (d) l-integrazzjoni ta' sistemi konnessi u l-awtomatizzazzjoni tal-operazzjonijiet fit-trasport ikkombinat, il-loġistika diġitali, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni relatati u s-sistemi intelliġenti tat-trasport li huma meħtieġa għall-funzjonament bla xkiel tal-operazzjonijiet tat-trasport intermodali, fosthom l-appoġġ għall-investimenti fil-photogates tat-terminals tat-trażbord intermodali u fil-kabini taċ-check-in/check-out awtomatiku;
- (e) miżuri li jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' polza tal-vjeġġ intermodali fit-territorju tagħhom;
- (f) il-vetturi jew il-bastimenti b'emissjonijiet baxxi jew zero jew it-tagħmir tat-trażbord fit-trasport ikkombinat;
- (g) l-aċċessorji għat-teknoloġija eżistenti għat-trażbord tal-kontejners li jippermettu t-trażbord ta' semitrejlers bħad-dirgħajn tal-irfiġh ta' krejn portiku għat-trażbord vertikali tas-semitrejlers."